MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 2/2007

**Marina Galea Xuereb**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Frar, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Dan il-kaz gje riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors ta' kwistjoni tax-xoghol dwar tkeccija ingusta mill-impjieg ta' Inginiera Marina Galea Xuereb mibghuta lit-Tribunal Industrijali fit-18 ta' Mejju 2004 mill-Avukat Dr. Angelo Farrugia li bghat ir-rikors ghan-nom ta' Inginier Marina Galea Xuereb fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

L-Inginiera Marina Galea Xuereb maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita, mill-Avukat Dr. Angelo Farrugia u ghall-Korporazzjoni Enemalta deher Mr. Ray Azzopardi assistit minn Dr. Vanessa Borg.

Dikjarazzjonijiet tal-Kaz

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjarat li kienet tahdem mal-Korporazzjoni Enemalta bhala Inginiera u r-raguni tat-tkeccija da parte ta’ l-Enemalta kienet fuq bazi medika pero minkejja li giet infurmata li ma tistax tahdem bhala Maintenance Engineer hi setghet tahdem f’ dipartmenti ohrajn u ghalhekk fost ragunijiet ohra imsemmija fid-dikjarazzjoni t-tkeccija hija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-ligi.

Il-Korporazzjoni fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ Marina Galea Xuereb tikkonsisti billi ghamlet zmien twil tirrifjuta li twettaq ix-xoghol moghti lilha u dan minhabba allegazzjoni ta' problemi medici u wara li ghaddiet bord mediku l-istess Korporazzjoni ma sabhiex tajba biex twettaq id-dmirijiet ta' inginiera.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed l-inginier Ray Azzopardi li huwa assistant human resource manager fil-Korporazzjoni Enemalta fejn iddikjara illi l-appellanta kienet qeghda tirrifjuta li tidhol fil-Power Station skond certifikat mediku taghha minhabba health risks. Li tidhol fil-power station kien xogholha u " kellha xoghol specifiku x'taghmel. Hi kienet toqghod gewwa l-ufficcju biss. Kellha wkoll problema f’daharha minhabba xi incident stradali u minkella li ppruvaw isibu xi xoghol alternattiv gewwa l-Korporazzjoni dan ma nstabx pero l-attitudini taghha kien la tacceta u la tirrifjuta. Kien hemm incident fejn irrifjuat li tirkeb gol-vettura tal-

Korporazzjoni ghax kellha s-sistema tat-tracking u hi allegat li kien ta' detriment ghas-sahha taghha. Ghalhekk ma setghux jibghatuha fuq barra fl-area offices. Mimkella li Marina Galea Xuereb allegat li kien hemm xi abbuz fil-konfront taghha kienu lesti li jinvestigaw dan l-ilment pero Marina Galea Xuereb waqqfet hemm u ma komplietx bl-ilment taghha. Il-gurnata tat-terminazzjoni taghha kien 30 ta' Jannar 2004. In konkluzzjoni r-raguni tat-tkeccija hi bbazata fuq ir-rapport mediku.

Xehed l-Inginier Charles Grixti fejn iddikjara illi hi kienet l-unika persuna li ma riditx li jkollha sistema tad-datatrack fil-vettura li kienet tal-Korporazzjoni imma kienet tuzaha hi u dan minhabba ragunijiet ta' sahha. Darba fost ohrajn meta Marina Galea Xuereb kienet qieghda tahdem bhala Inginier fin-north ta' Malta kien hemm problema serja u l-Mellieha kollu kien bla dawl u hi rrifjuat li tmur minhabba li l-vettura kien bid-datatrack. Fil-fatt kellu jassenja id-distrett tal-Mosta u Bugibba lil zewg inginiera ohra. Wara xi zmien Marina Galea Xuereb giet trasferita mis-section tieghu ghas-section tal-generation. Marina Galea Xuereb kienet toggezzjoni li tirkeb fil-karrozza ghax kienet pregnant.

Xehed l-Inginier Carmel Scerri li huwa Senior Inginier tan-North fejn iddikjara iIli Marina Galea Xuereb oggezzjonat ghat-twahhil tas-sistema tad-datatrack fil-vettura li kienet tuza hi. Bdiet taghmel office work biss minkejja Ii kienet I-area engineer u informa lit-Tribunal iIli meta kien hemm I-incident tat-qtugh tad-dawl gewwa I-Mellieha hi irrifjutat li tmur. Hu kien ghamel rapport fejn oggezzjoni illi Marina Galea Xuereb taghmel biss office work. Kien jaf li kienet pregnant pero kien hemm ftehim mal-Union Ii titwahhal id-datatrack.

Xehed I-Inginier John Pace Ii fiz-zmien ta' Marina Galea Xuereb kien il-managar tal-generation section fejn gie infurmat iIli ser tahdem hemm

ghax kien hemm xi oggezzjoni li tuza t-trasport ta' l-Enemalta minhabba d-datatrack. Ftit wara li bdiet tahdem fil-generation section hi kellha miscarriage u meta giet lura qaltlu li l-problema li kellha kienet gejja mill-arja tal-power station u rrifjutat li tidhol aktar gol-power station. Minkejja li kien taha struzzjonijiet bil-miktub hi xorta baqghet tirrifjuta li taghmilhom billi kienet tirrifjuta li tidhol fil-power station. Iccaqalqet mill-ufficcju taghha ghall-ufficcju iehor bla permess. Jien insistejt li Marina Galea Xuereb iggib certifikat mediku u hi gabet wiehed fejn kien jghid illi li hi ghandha s-sola u trid tevita postijiet fejn ikun hemm it-trab u d-dhahen.. Jiena nista' nghid illi l-Power station mhuwiex dusty environment. Jiena ergajt tajtha warning ghax hassejt illi c-certifikat ma kienx sufficjenti. Jiena wara hrigtilha disciplinary charge u akkuzzajtha li ma kinetx qeghda tobdi l-ordnijiet tieghi. Minkejja li giet ipprezentat certifikat mediku li hi kienet tbati mill-asthma dan ic-certifikat qatt ma gie ipprezentat lill-inginier Pace imma waqt il-Bord tad-dixxiplina.

Xehed it-tabib Dr. Jospeh Pace fejn qal illi huwa General Practioner pero kien laqqa' Bord Mediku fejn ezamina lil Marina Galea Xuereb fejn sabu li kienet tbati minn asthma, problemi f' ghonqa minhabba xi slip disc. Il-Bord ikkonkluda illi minhabba l-istat mediku taghha u minhabba li x-xoghol taghha jirrikjedi li tahdem f' ambjent fejn hemm gases, fumes dan kien ta' detriment ghas-sahha taghha. Minhabba ukoll li x-xoghol taghha kien jinvolvi xi strapazz fid-dahar u fl-ghonq Marina Galea Xuereb ma kinetx tajba biex taghmel ix-xoghol ta' enginier ghal dak li kien imqabbda.

Rega' xehed l-Enginier Ray Azzopardi in kontro-ezami fejn qal illi kien hemm zewg bordijiet medici. Wiehed mill-bordijiet irrakomanda li Marina Galea Xuereb ghandha taghmel repeated hydrotherapy sessions u rapport iehor kkonkluda

iIli Marina Galea Xuereb mhix ser tkun ta' periklu ghas-sahha taghha jekk tidhol fil-power station. It-tieni bord mediku kkonkluda iIli Marina Galea Xuereb kienet tbati minn kundizzjoni li kien asthma u li ma kienx hemm post ghaliha gewwa l-Enemalta.

Xehed Profs Ghirlando fejn qal li kien ic-Chairman ta’ l-Enemalta ghal xi zmien. Xehed li minhabba l-fatt li Marina Galea Xuereb ma riditx tuza l-karrozza peress li kien hemm id-datatrack sabilha post iehor fejn ma kellhiex bzonn tuza l-karrozza u dan gol-generation section. Minkejja dan, xorta rrifjuat li tidhol gol-power station minhabba r-radiation.

Xehdet Marina Galea Xuereb fejn qalet li dahlet tahdem ma’ l-Enemlata fis-sena 1981 bhala student worker u hadet il-post ta' Professional Officer 1 fis-sena 1984 u illum hi qeghda Professional Officer 3. L-ewwel ilment taghha kien li minhabba li riedu iwahhlu d-datratrack fil-vettura taghha u oggezzjonajt u dan minhabba l-problema tar-radiation. Fil-fatt kienu installaw il-Vehicle Location transmitter ad insaputa taghha. Minhabba d-dewmien taz-zmien li kienet ser tghaddi fil-vettura kienet ser tkun esposta ghal hafna zmien ghar-radiation. Wara hargulha ittra li hi giet assigned liII-generation section. Marina Galea Xuereb ma kinetx kuntenta ghal dan it-transfer. Hi kienet kellmet lic-Chairman ta' dak iz-zmien fejn infurmatu illi kienet lesta li tmur fejn kienet u tuza l-vettura taghha personali u tiehu allowance u c-Chairman ma riedx. Wara li kellha il-miscarriage ma riditx tidhol il-generation section minhabba l-konsegwenzi fuq sahhitha. Poggewha go kamra ma’ ingineer iehor certu Pawlu Caruana li ma setghetx tahdem mieghu. Wara xi zmien caqalquha u marret ufficcju iehor. Kellha problema li kellha s-sola u kienet gabet certifikat mediku li ma tistax tidhol gewwa smoky environment. L-inginier ta' fuqha ddecieda li dan ic-certifikat ma

kienx validu. Il-bord mediku kkonkluda li ma setghetx tahdem fil-generation section ghax kien hemm smoky atmosphere u ma setghetx tkun energetika wisq. Il-problema bdiet meta marret tahdem il-generation ghax qabel ma kellhiex problema ta' l-asthma. Il-problema ta' daharha bdiet wara l-accident.

Regghet xehdet Marina Galea fejn qalet li setghet tahdem f' postijiet ohra gewwa l-Enemalta li ma kinux ta' periklu ghas-sahha taghha. Fil-fatt gabet ezempju ta' enginier li kien ibati minn widnejh minhabba l-hoss u tawh transfer u lilha ma kkomodawhiex. Iddikjarat li dahlet fil-generation section u minn hemm li hassret sahhitha. Ghaliha l-incident stradali kien bhala accident waqt il-hin tax-xoghol ghax kienet bil-vettura tax-xoghol meta waqfitilha u xi hadd dahal go fiha. Minkejja li kitbet lid-datatrack sabiex tinghata garanzija li ma hemmx ebda riskju ghas-sahha dan qatt ma inghatalha. Marina Galea Xuereb irrabjat li ghamlulha d-datatrack wara daharha u ma kintex taf li installawha fil-vettura taghha.

Regghet xehdet Marina Galea Xuereb fejn qalet li kien fadalla vacation leave. Ukoll saret taf li zewg enginiers li jahdmu l-Enemalta kienu xtraw shares fid-datatrack u c-Chairman Tancred Tabone ukoll kellu shares fid-datatrack.

Xehed Inginier Ronny Vella li dak iz-zmien kien manager Distribution Centre. Meta gie mistoqsi fuq xi inginier Kalil ix-xhud ma tantx ftakar dettalji. Iddikjara li ma ddiskutiex il-kaz mac-Chairman ghax ma kinetx taqa' tahtu.

Xehed l-Inginier Kenneth Abela fejn qal li l-ilment principali fuq certu inginier kien fuq is-sigaretti u fuq ix-xorb.

Xehed Anthony Xuereb li huwa l-head tal-Health and Safety gewwa l-Enemalta fejn xehed illi dwar

inginier partikulari kien hemm ilment fuq tipjiep u minkejja li ma setax ipejjep kien jghid lil Marina Galea Xuereb sabiex tohrog il-barra sakemm jispicca s-sigarett.

Xehed Tancred Tabone li kien ic-Chairman ta’ l-Enemalta fejn stqarr illi ma tantx jiftakar fuq il-kaz. Iddikjara li ghandu xi shares fid-datatrack. It-tkeccija saret fiz-zmien tieghu u jiftakar illi x-xoghol kien ghad-dannu tas-sahha taghha u ghalhekk giet imkeccija.

Xehed ukoll Inginier Azzopardi fejn iddikjara l-posizzjoni tal-Korporazzjoni kif ukoll tieghu dwar id-datatrack.

Xehed ukoll Antoine Busutlil fejn xehed fuq xi korrispondenza.

Xehed ukoll Antoine Azzopardi fejn xehed li huwa l-welfare officer li rcieva lmenti dwar tipjiep ta' terza persuna.

Rega’ xehed il-Profs Ghirlando fejn ikkonferma li kien hemm policy ta' non smoking u kien halla xi inginiera wkoll jaghtu lectures fl-Universita ta' Malta waqt il-hin tax-xoghol. Gie ikkonfermat illi certu direttur kellu is-sistema tad-datatrack fil-vettura.

L-Avukati tal-partijiet ittrattaw il-kaz kemm bil-miktub permezz ta' skambji ta' noti kif ukoll verbalment.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz. Aspett importanti huwa l-aspett mediku ta' Marina Galea Xuereb. L-aspett l-iehor huwa il-htiega tal-principal li jassigura illi kulhadd jaghmel xoghlu kif inhu ordnat li jaghmel waqt il-hin tax-xoghol.

F'dan il-kaz it-Tribunal dahal sew fil-kaz u jinnota illi Marina Galea Xuereb ma kintex wahda mill-impjegati facli. It-Tribunal irid jara illi jekk l-ilmenti taghha kienu gustifikati. Minkejja li ilmentat li seta' kien hemm problema ta' sahha minhabba l-installazzjoni tas-sistema ta' Vehicle Location Transmitter li kien hemm installat fil-vettura taghha li seta' jarmi r-radjazzjoni hi baqghet isostni li ma riditx tuza l-vettura akkost ta' kollox anki li ma tattendix ghal emergenza fejn il-fuq ta' Malta kien bhal dawl. Xi haga li dan it-Tribunal jara li kien ta' nuqqas serju taghha. Minkejja dan, il-Korporazzjoni accetta li jaghtiha allokazzjoni ohra sabiex ma tibqax tilmenta u bghata gewwa l-generation section. Ta' min jghid illi sallum is-sistema ta' VLC ghada ma gietx ppruvata li hija ta' hsara ghall-gisem pero it-Tribunal jinnota illi din is-sistema tnehhiet minn xi karrozzi ta' l-Enemalta.

Kif marret il-generation section Marina Galea Xuereb regghet qajmet problemi ta' sahha kemm minhabba l-incident stradali li kellha u li ghalhekk kienet qeghda tbati minn daharha kif ukoll illi minn meta marret tahdem hemmhekk bdiet isofri minn asthma. Ir-risposta ta' Marina Galea Xuereb kienet li ma taccettatx li tmur il-Power Station minhabba d-dhahen u affarijiet ohrajn. It-Tribunal jerga' jaghmilha cara illi ma qabilx ma' l-attitudini ta' Marina Galea Xuereb stante li minkejja li setghet kellha problema il-mod li ssolvi din il-problema mhix li taghmel ta' rasha u tinjora d-direttivi tal-principal taghha. Ghal mod ta' l-argument jekk kulhadd jaghmel bhalha go Korporazzjoni bhal din ikun hemm kaos shih u kulhadd jaghmel dak li jahseb hu fl-interess personali tieghu. Ghalhekk it-Tribunal jaghmilha cara illi din l-attitudini mhix accettabli u kien hemm nuqqas serju da parta ta' Marina Galea Xuereb li dan in-nuqqas baqa' jirrepetu ruhu.

Il-Bord Mediku li ezamina lil Marina Galea Xuereb wasal ghall-konkluzzjoni li Marina Galea Xuereb

mhix tajba biex tahdem fil-Korporazzjoni Enemalta u ma semmiex xi sezzjonijiet. Il-Bord kellu ragun jasal ghal din il-konkluzzjoni peress li jekk kienet tbati mill-asthma u minn daharha f' certi postijiet zgur li ma kienux jghoddu ghaliha. Minn naha l-ohra in-natura tax-xoghol taghha zgur li jirrikjedi minn xi zmien ghal zmien li tkun esposta ghal xi dhahen u ghal xi strapazz.

Min naha l-ohra t-Tribunal ghalkemm jaqbel mad-decizjoni tal-Bord Mediku jsaqsi jekk kienx possibbli li din il-Korporazzjoni kellu xi xoghol alternattiv li jipprovdi ghal Marina Galea Xuereb kemm fl-istess grad jew inkella f' xi grad anqas, b' inqas responsabililta. Hawn it-Tribunal ihoss li l-Korporazzjoni ta' l-Enemalta naqas.

It-Tribunal jista' jifhem ghaliex l-Enemalta ma ghamlitx dan l-ezercizzju u dan minhabba l-fatt illi wara li hadu hafna pacenzja kbira ma' Marina Galea Xuereb ir-reazzjoni taghha kien dejjem fin-negattiv u ma kienx hemm l-anqas ftit kooperazzjoni da parte taghha apparti l-insubordinazzjoni grassa.

It-Tribunal ihoss ukoll illi seta' kien hemm lok ghal xi xoghol alternattiv fil-Korporazzjoni anki tenut kont tal-fatt illi Marina Galea Xuereb kellha problemi medici.

Decizjoni

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-i*statements* u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-Korporazzjoni Enemalta ma kienitx gustifikat li tkecci lil Marina Galea Xuereb mix-xoghol taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jilqa' dan l-appell u jordna lill-Korporazzjoni

> Enemalta thallas l-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600) u l-ispejjez ghandhom jigi sopportati ugwalment bejn il-partijiet.
>
> Ghall-finijiet ta' l-Awiz Legali 48 ta' l-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (Lm40).
>
> B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Is-sentenza appena riprodotta jidher li ma ghogbot lill-ebda wiehed mill-kontendenti u huma appellaw minnha biex iressqu l-obbjezzjonijiet taghhom ghaliha;

B’ mod principali r-rikorrenti Marina Galea Xuereb tadduci dawn l-aggravji:-

(1) Fil-konsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal injora jew skarta certu xhieda (dik ta’ l-Inginjier Spiru Grima) u dan jikkostitwixxi ksur tal-principju *audi alteram partem*;

(2) It-Tribunal injora kull prova avvanzata rigwardanti l-mod diskriminatorju li bih giet trattata mill-Korporazzjoni. Dan kemm fil-kors ta’ l-impjieg kif ukoll fl-adozzjoni tas-sanzjoni estrema tat-tkeccija;

(3) It-Tribunal naqas milli jakkorda konsiderazzjoni xierqa lil diversi ligijiet. Senjatament, l-Att dwar l-Awtorita` tas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tas-Xoghol (Kapitolu 424) u certi disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452);

(4) It-Tribunal ma ghamelx evalwazzjoni approfondita tal-provi u kien precipituz fid-decizjoni tieghu, kif jirrizulta minn nuqqas ta’ motivazzjoni adegwata;

(5) Addizzjonalment ma’ dawn l-ilmenti, l-appellanti tissolleva lanjanzi illi t-Tribunal ma pprovdiex ghal rimedju xieraq (li skond hi kellu jkun dak ta’ *re-instatement* fl-impjieg) u, f’ kull kaz, lanqas kumpens

kommizurat ghal kriterji stabbiliti fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452;

Bl-appell incidentali taghha l-Korporazzjoni tissottometti illi s-sentenza tikkontjeni kontradizzjoni legali manifesta in kwantu l-parti decizorja taghha hi *non sequitur* mal-parti razzjonali ta' l-istess sentenza. Konsegwentement ghaddiet biex talbet alternattivament jew it-thassir tas-sentenza jew in-nullita taghha u r-rimessjoni mill-gdid tal-kontroversja lit-Tribunal;

Jigi osservat illi z-zewg kontendenti ssollevaw *in primis* il-pregudizzjali ta' l-inammissibilita` ta' l-appell, sija principali jew dak incidentali, in kwantu mhux bazat fuq punt ta' ligi. Il-Qorti behsiebha tikkonsidra din il-materja fil-kors ta' l-izvolgiment tal-hsieb taghha fil-kwadru generali tal-kaz. Tillimita ruhha f' dan l-istadju biex twiegeb ghall-osservazzjoni maghmula mill-Korporazzjoni fil-kontro-replika taghha li biha rriteniet illi sabiex ikun hemm appell fuq punt ta' ligi jehtieg li l-applikazzjoni erronea tal-ligi tkun enuncjata fid-decizjoni. Bla dubju, tali osservazzjoni hi ghal kollox zbaljata u s-sentenza mill-Korporazzjoni citata ("**Adrian Busietta -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Appell, 27 ta' Gunju 1997) ma tista' tissufragaha bl-ebda mod. Dan ghas-semplici raguni illi z-zewg ligijiet huma regolati differentement. Fil-kaz ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356) ghall-ammissibilita` ta' l-appell il-punt ta' ligi jrid ikun deciz mill-Bord (Artikolu 15 (2) ta' l-Att]. Fil-kaz prospettat taht l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452), ex-Artikolu 82 (3) tieghu dan il-ligi ma tghidux u l-punt ta' ligi ma hemmx ghalfejn ikun deciz mit-Tribunal Industrijali;

Ferma din il-konsiderazzjoni, jigi premess, qabel xejn, illi t-Tribunal adit kien mistenni li jankra ruhu fil-parametri tar-raguni li nduciet lill-Korporazzjoni biex tittermina l-impjieg ta' l-appellanti. Raguni din li skond it-termini tac-Certifikat tat-Temm ta' Impjieg (fol. 12) kienet wahda bazata espressament "*on medical grounds*". Ara wkoll ittra

datata 26 ta’ Jannar 2004 (fol. 2) mibghuta lill-appellanti mill-Assistant Human Resources Manager tal-Korporazzjoni. Dan qed jigi rilevat ghaliex hu evidenti bosta illi l-kawza segwiet perkors paralleli ghal dik ir-raguni, arginat fuq konsiderazzjonijiet ta’ l-imgieba negattiva ta’ l-appellanti bir-rifjut taghha li twettaq il-mansjonijiet lilha assenjati u li taqdi dmirijietha. Jista’ jkun li t-Tribunal gie stradat f’ dan il-perkors mid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Korporazzjoni u mix-xhieda minn din prodotta. Jibqa’ l-fatt illi t-Tribunal kellu, u messu, okkupa ruhu b’ mod esklusiv mill-ghazla tar-raguni tal-licenzjament u jekk din, fic-cirkostanzi pervenuti, kienetx raguni valida u sufficjenti ghal tali licenzjament;

Hi dikjarazjzoni ta’ principju kostituzzjonali l-protezzjoni tas-sigurta ta’ l-individwu. Logikament, dan jabbraccja wkoll il-harsien tas-sahha u tas-sigurta tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol. Effettivament l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 424 jiffissa l-principju illi “l-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurta fuq il-positijiet tax-xoghol ghandha titqies bhala materja ta’ interess pubbliku”. L-istess Kapitolu jghabbi fuq spallejn min ihaddem il-mizuri preventivi li ghandu jadotta biex jintlahaq dan il-ghan (Artikolu 5 u 6 ta’ l-istess Kapitolu). Ragjonevolment dawn l-istess obbligi ta’ min ihaddem ghandhom, in forza ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 452, jitqiesu bhala formanti parti mill-kondizzjonijiet maghrufin ta’ l-impjieg u jgorru maghhom l-istess effett bhallikieku kienu ordnijiet ta’ standard nazzjonali jew ordnijiet biex jigi regolat settur;

Jitnissel minn dan illi, indipendentement mix-xorta ta’ azjenda, u jekk hijiex enti pubblika jew le, il-Korporazzjoni kienet fid-dmir li tadotta l-mizuri u tiehu l-inizzjattivi kollha necessarji ghat-tutela ta’ l-integrita fizika u psikika ta’ l-impjegati taghha. Mizuri dawn intizi biex jigi impedut il-holqien jew id-deterjorazzjoni ta’ sitwazzjonijiet li fiha l-attivita` lavorativa tista’ tipprovoka effetti patologici lill-impjegati. B’ dan, il-Qorti ma tridx tfisser illi l-Korporazzjoni ma adottatx tali mizuri ta’ sikurezza ghat-tutela tas-sahha tal-haddiema taghha. L-impenn taghha

hu invece dirett biex jigi stabbilit u determinat jekk, fil-kaz partikulari, kienx hemm da parti ta' l-istess Korporazzjoni dik il-predisposizzjoni illi jigi impedut lill-appellanti l-insorgenza jew l-aggravament ta' sitwazzjoni pregudizjevoli ghas-sahha taghha. Wiehed ma jridx jinsa dejjem illi fil-qalba ta' l-obbligu ta' sikurezza huma kollokati wkoll il-valutazzjoni tar-riskji insiti fl-ambjent tax-xoghol fejn l-impjegat ikollu jaqdi l-mansjonijiet tieghu u dik tal-vigilanza fuq l-osservanza tal-mizuri adottati jew ta' l-ordnijiet moghtija. Hija, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, din il-vizjoni tal-precetti tal-ligi *in subjecta materia* li t-Tribunal kellu javvicina u jikkunsidra l-kaz quddiemu. Dan ukoll ghaliex taht dan l-aspett tqajjem il-punt tal-kwestjoni guridika rikonducibbli ghar-responsabilita` ta' min ihaddem;

Gja nghad aktar 'il fuq illi l-appellanti giet licenzjata ghal ragunijiet medici ghaliex skond kif iccertifikat mill-panel tat-tobba (fol. 11) instab lil-appellanti kienet tbati minn "Bronchial asthma u sacroileitis" bil-konsegwenza li *inter alia* ma setghetx tahdem "*in smoky and dusty atmospheres*" u ma setghetx tqandel "*heavy weights*". Fl-ispjegazzjoni moghtija mill-ex Chairman Tancred Tabone (fol. 389 *et sequitur*) fuq il-parir tat-tobba il-Korporazzjoni hadet id-decizjoni illi jekk hi x-xoghol li kienet qed taghmel jew ix-xoghol li giet offruta kien ta' dannu ghas-sahha taghha il-bord tad-diretturi ma kienx ser ikun responsabbli ghas-sahha tal-persuna involuta u ghadda biex itterminalha l-impjieg. Jigi sottolinejat bhala fatt accertat mill-provi illi l-asthma u l-malanni f' daharha gew ikkuntrattati fuq il-post tax-xoghol jew bhala konsegwenza ta' infortunju stradali f' kollizjoni waqt il-kors tax-xoghol;

Hekk ukoll jirrizulta mill-provi illi l-appellanti ma ottemperatx ruhha ma' l-ordnijiet lilha moghtija. Skond l-appellanti r-raguni ghal din l-inottemperanza taghha kienet kostitwita minn ragunijiet ta' sahha, kemm ghaliex il-Korporazzjoni ma tathiex assigurazzjoni illi s-sistema tad-datarak installata fil-vettura u l-emissjoni ta' radjazzjoni minnha ma kienetx nociva ghal sahhitha, specjalment fl-

istat gravida taghha, kif ukoll ghaliex hi giet konfinata f' kamra ma' inginjier iehor li kien ipejjep bi ksur tal-*policy* tal-Korporazzjoni (ara dokument a fol. 458) u nonostante l-ilment taghha l-Korporazzjoni xorta wahda hallietha fl-istess kamra ma' dak l-inginjier l-iehor. Ara xhieda tal-Welfare Officer Antoine Azzopardi (fol. 416). Incidentalment, fil-kaz tad-datatrak, skond l-ex Chairman Prof Robert Ghirlando (fol. 469) l-indikazzjoni li kellha l-Korporazzjoni kienet dik li din is-sistema ma kienetx ta' hsara ghas-sahha, anke jekk dwar dan il-Korporazzjoni ma nghatat ebda garanzija. Incidentalment ukoll, din is-sistema eventwalment tnehhiet anke jekk skond ix-xhud l-Inginjier Ray Azzopardi dan hekk sar bhala mizura finanzjarja biex jigi kkontrollat l-infiq (fol. 408);

Il-Qorti iddilungat fuq dawn il-provi biex tissenjala l-fehma taghha illi ma tistax apprezzevolment tikkondividi l-opinjoni tat-Tribunal illi l-atteggjament ta' l-appellanti kienet, fic-cirkustanzi, wahda non-koperanti u ta' "insubordinazzjoni grassa". Irid jinghad illi l-insubordinazzjoni tippresupponi rifjut ta' adempiment ta' l-ordnijiet moghtija li jridu jkunu wkoll legittimi. Jassumi imbaghad riljev mhux traskurabbli l-element intenzjonali fil-kondotta ta' l-impjegat. Fil-kaz prezenti l-imgieba ta' l-appellanti kienet motivata mhux minn xi kapricc jew invenzjoni imma minn ragunijiet tal-harsien ta' sahhitha, kif aktar tard, anke skond il-panel tat-tobba maghzul mill-istess Korporazzjoni, intwera li kien hekk il-kaz. Fil-hsieb ponderat tal-Qorti ma jidherx li l-imgieba reattiva ghall-ordnijiet moghtija tikkostitwixxi fil-kumpless ipotesi ta' insubordinazzjoni;

L-insjem tar-riflessjonijiet maghmula jwassal ghal konsiderazzjoni tal-kwestjoni mqanqla miz-zewg partijiet fir-rigward ta' l-appelli reciproci taghhom dwar l-ammissibilita` ta' l-appell;

Gja din il-Qorti kellha okkazjoni tosserva illi l-kuncett tas-smigh xieraq mhux wiehed limitat ghal mera opportunita

tat-tressiq tal-provi u tas-sottomissjonijiet imma wkoll li d-decizjoni tkun bazata fuq ezami logiku tal-provi, b' motivazzjoni sobrija u b' konkluzjoni li tirrizulta logika ma' l-istess motivazzjoni. Ara s-sentenza ta' din il-Qorti in re: "**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi *nomine***", Appell Inferjuri, 28 ta' Marzu 2007. Hu agguntivament ritenut illi jekk ma jkunx hemm rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni jew jekk tali rabta tkun tirrizulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali allura jkun jonqos element essenzjali tad-decizjoni u tali nuqqas jinficja u jinvalida l-istess decizjoni. Ara "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co Ltd)**", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju 1999;

L-appellanti tikkontendi li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal ma hax konsiderazzjoni ta' certi provi li tressqu u, ukoll, li dan naqas milli sensibilment jikkunsidra l-provi b' motivazzjoni adegwata u skond id-disposizzjonijiet tal-ligijiet applikabbli. Minn naha taghha l-Korporazzjoni ssostni illi d-decizjoni tiddifetta minn rabta intelligibbli bejn il-parti konsiderativa taghha u dik razzjonali. Fil-hsieb tal-Qorti z-zewg kontendenti ghandhom ragun u s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward jikkostitwixxu dak il-punt ta' ligi li jippreciza l-Artikolu 82 (3), Kapitolu 452 ghall-ammissibilita ta' l-appell rispettiv taghhom. *Pro tanto*, l-eccezzjonijiet taghhom, reciprokament opposti, ma jistghux jigu milqugha u qed jigu respinti. Il-Qorti hi tal-fehma illi jkun hela ta' zmien u energija u ta' spejjez zejda kieku kellha takkolji r-rimedju li, attiza n-nullita` tas-sentenza, terga' tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal, gjaladarba, fl-ahhar mill-ahhar, u kif gja espost mill-konsiderazzjonijiet superjorment maghmula, hemm qbil mal-konkluzjoni raggunta;

Forsi jsta' jigi aggunt dan li jsegwi. Il-licenzjament f' dawn ic-cirkustanzi ma kienx gustifikat meta d-danni biologici ta' l-appellanti zviluppaw, ghal kollox jew in parti, minhabba l-istat nociv ghal sahhitha fl-ambjenti fejn kienet ordnata taghmel il-mansjonijiet taghha u fejn, kif irrizulta, il-Korporazzjoni ma jidherx li hadet dawk il-mizuri okkorrenti biex jipprevenu, jew ghallanqas jeliminaw, l-incidenza ta'

dak l-istess stat. Kieku stess hadet dawn ma jidherx li kienu effettivi fir-rigward ta’ l-appellanti. Kif taraha din il-Qorti f’ kaz ta’ mard, hekk strettament kollegat ma’ l-ambjent tax-xoghol u zviluppat minnu, l-inesegwibilita` ta’ l-attivita` precedenti ta’ l-appellanti ma tistax titqies sufficjenti biex tikkonkreta ruhha f’ motiv oggettiv u gustifikat ta’ licenzjament meta din setghet dejjem tigi inserita fl-organizzazzjoni korporativa fejn setghet tizvolgi mansjonijiet, ukoll jekk mhux ghal kollox ekwivalenti ma’ dawk precedentement assenjati. Wara kollox, hu provat illi l-Korporazzjoni dan ghamlitu fil-passat fir-rigward ta’ impjegati ohra taghha;

Jifdal li jigu mistharrga l-ahhar zewg aggravji ta’ l-appellanti. Ghal precizazzjoni jibda biex jigi osservat illi ghalkemm fit-talba mressqa lit-Tribunal l-impjegat ma jkunx ressaq rikjesta *ad hoc* ghar-ri-inseriment fil-post tax-xoghol dan ma jzommx lit-Tribunal milli jiddieciedi ordni bhal din. Dan kif inferit mill-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452. Naturalment din id-diskrezzjoni tieghu hi dipendenti fuq esigenzi ta’ pratticita u dik ta’ l-element fiducjarju li jikkaretterizza r-rapport tax-xoghol. Minghajr ma tinvadi fuq id-diskrezzjonalita` rizervata mil-ligi lit-Tribunal hi l-ferma konvinzjoni ta’ din il-Qorti illi, fil-kumpless, ir-ri-integrazzjoni invokata mill-appellanti bl-aggravju taghha mhix konsiljabbli u lanqas approprijata fil-kwadru generali tal-fattezzi tal-kaz u bejn ir-rijassunzjoni u r-rizarciment kompensativ tippreferi li tadotta din l-ahhar mizura. Fil-fehma tal-Qorti l-kwadru generali tal-kaz jiprospetta sitwazzjoni difficli tar-ravvivar ta’ dak ir-rapport ta’ kollaborazzjoni fiducjarju bejn il-partijiet. Mhux lanqas dak tan-nuqqas ta’ l-ambjent seren li fih l-istess appellanti tkun tista’ taqdi l-mansjonijiet taghha, anke fir-rapport ma’ kollegi ohra;

Maghdud dan, u wara riflessjoni xierqa, il-Qorti thoss li l-ammont kompensativ prefiss mit-Tribunal jimmerita awment korrispondenti, mhux tant in bazi ghal kriterji dettati fil-proviso ghall-Artikolu 81 (2) (a), daqskemm ghal fatt illi din il-Qorti ma sabetx li kien hemm dik l-

insubordinazzjoni u inadempjenza li fuqhom issofferma t-Tribunal u li certament influwenzawh fil-mizura tal-kumpens akkordat. Billi mhux possibbli mill-provi ottenuti li tali kumpens jitkejjel bi precizjoni din il-Qorti qeghda, *ex aequo et bono*, tillikwida il-kumpens dovut lill-appellanti fis-somma ta' hamest elef lira (Lm5000).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq esposti u filwaqt li tirriafferma illi l-licenzjament ta' l-appellanti ma kienetx ghal raguni tajba u sufficjenti, tillikwida l-kumpens dovut lilha u li l-Korporazzjoni appellata qed tigi ordnata thallas, fis-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000). Fic-cirkustanzi kollha tal-kaz huwa xieraq li l-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew ugwalment mill-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------